"Dinamo"

197 Flat I, Melita Str.
Valletta

(10 Agosto 1909).

"Alma" "Hodie Maria Virgo"

# Is-Seraċina

100 Anniversarju Antifona

STELLA A.D. 1894 LEVANTINA



# Antifona tal-Assunta
# *Hodie Maria Virgo* ta' Mifsud

Dr. Simon Mercieca

L-'editing' ta' mużika qadima titlob ċerta sengħa. Fil-passat, aktar milli dwar 'editing' wieħed kien jitkellem f'addattar mużikali. Dan ifisser li kompożituri kienu jieħdu xogħol ta' kompożitur ieħor u waqt li jżommu l-armonija u r-ritmu ta' din il-kompożizzjoni jaddattawha għal strumenti ġodda jew jibnu fuqha. Din il-biċċa xogħol għamluha kompożituri kbar, kemm sew Maltin u barranin. Fil-passat, dan it-tip ta' xogħol kien jissejjaħ arranġament mużikali. Mozart għamel arranġamenti tiegħu tal-mużika ta' Handel, il-'Messiah'. Malher għamel l-orkestrazzjoni mill-ġdid ta' Schuman waqt li Strauss addatta lil Mozart u Schoenberg spira ruħu mill-mużika ta' Brahms. Fuq livell lokali, ħafna surmastrijiet tal-baned insibuhom jagħmlu l-arranġamenti mużikali ta' siltiet operistiċi tagħhom għall-banda u xi uħud minnhom għadhom jindaqqu sa llum.

It-tibdil li qiegħed iseħħ fid-dinja tal-mużika qiegħed jaffettwa wkoll it-tibdil fil-mod ta' kif isiru l-'performances' mużikali. Dan qed ikollu effett ukoll fuq dak li qed jindaqq. Aktar milli arrangamenti mużikali, illum qed nitkellmu fuq 'editjar' tal-mużika msejħa 'bikrija'. Infatti, fi żminijietna qegħdin nerġgħu nesperjenzaw ir-ritorn lejn daqq ta' mużika qadima, dik li fl-Ingliż tissejjaħ 'early music'. Dan hu qasam magħruf fil-lingwaġġ tekniku bħala mużikoloġija, anzi biex wieħed ikun eżatt, mużikoloġija storika. Dan is-suġġett ta' editing illum hu mgħallem fuq livelli professjonali mid-Diviżjoni tal-Mużika tal-Università ta' Malta taħt it-tmexxija akkademika ta' Dr. John Galea.

F'Malta għandna ħafna eżempji ta' din il-mużika qadima u tinstab imxerrda f'ħafna arkivji madwar il-gżira. Iżda din il-mużika ma tistax tindaqq mingħajr ma wieħed jagħmel l-arranġamenti meħtieġa. Wieħed ma jistax jaqbad dawn il-partituri qodma u jdoqqhom mingħajr ma jagħmel 'editing' professjonali tagħhom. Biex din il-mużika qadima tindaqq tajjeb trid tkun 'editjata' min-nies li jkunu studjaw u ġew imħarrġa apposta f'din il-professjoni għaliex, anki jekk in-noti baqgħu kważi l-istess, il-mużika kienet tinkiteb, f'dik li hija 'semjotika' b'mod differenti. In fatti, numru ta' sinjali mużikali ma għadhomx ifissru l-istess, jew inkella illum il-ġurnata tlifna ssottiljezza tas-sinjifikat tagħha.

Id-dinja tal-'editing' mużikali titlob li wieħed jirrispetta l-ħsieb oriġinali tal-kompożitur u kemm jista' jkun, meta jeditja din il-mużika, jerġa' jirxoxta l-ħsieb li kompożitur kellu meta ikkompona din l-istess mużika. F'dan il-kontest, il-partitura jew kif tissejjaħ bl-Ingliż, is-'source material', issir ħaġa primarja. Il-lum dan ix-xogħol jitlob li wieħed isegwi il-'markings' kollha oriġinali li jkun hemm fit-text mużikali. Ħafna minn dawn il-'markings' qodma għadek issibhom fil-kompożizzjoni ta' llum, iżda dawn kellhom sinjifikat ieħor fil-passat. Wieħed irid ukoll jistudja jekk tul il-medda taż-żmien kienx hemm kompożituri jew surmastrijiet li daqqew din l-istess mużika u għamlu t-tibdil u l-arranġamenti tagħhom. Rari xogħol qadim mużikali jasal sa għandha kif kitbu l-kompożitur. Ħafna minn dawn ix-xogħlijiet waslu għandha minn partituri differenti użati waqt kunċerti differenti minn surmastrijiet differenti. M'hix l-ewwel darba, li kull surmast jagħmel l-arranġament jew il-kambjamenti tiegħu. Huwa fatt magħruf u kienet in-norma għal surmastrijiet u diretturi ta' orkestri, speċjalment meta dawn kienu jkunu ukoll kompożituri, li jbagħbsu u jalteraw u jagħmlu tibdil fit-testi oriġinali ħalli jġibuhom jaqblu mal-prattiċi mużikali ta' żmienhom. Dan kollu irid ikun stabbilit flimkien mat-tibdiliet li jkunu saru tul is-snin jiġu identifikati.

Riċentament kelli x-xorti nsib antifona qadima dedikata lill-Assunta. Din l-antifona kienet miktuba minn ċertu Mifsud iżda matul is-snin għaddiet minn ħafnajdejnukienhemmminngħamell-alterazzjonijiet tiegħu. Meta kien ġie jarani l-uffiċju, il-president tal-Każin La Stella Levantina mas-surmast tal-banda, Joseph Chircop, kont kellimthom dwarha u huma wrew ix-xewqa li din tindaqq f'kunċert li l-istess każin flimkien mal-parroċċa se jorganizza għal żmien il-festa. Iżda biex din l-antifona tkun tista' tindaqq, kien hemm bżonn li tkun studjata sew u l-mużika tagħha tiġi editjata. Kien f'dan il-kuntest li tqabbad il-mużikoloġista Awstraljan, il-Professur Richard Divall, biex jeditjaha. Il-professur Divall

huwa viżitatur u eżaminatur fi ħdan id-Divizjoni tal-Mużika fl-Università ta' Malta u wkoll professur tal-mużikoloġija ġewwa l-Università ta' Melbourne fl-Awstralja. Divall kien direttur mużikali għal aktar minn għoxrin sena f'*Melbourne Opera House* u ħames snin fl-Opera Taljana ġewwa Sydney. Kien jidderieġi ġewwa Sydney Opera House, wieħed mit-teatri l-ewlenin tal-opra fid-dinja. Għalhekk hu ta' unur kbir għal din is-Soċjeta' Filarmonika ta' H'Attard, li mużikoloġista daqshekk kbir għamel dan ix-xogħol għal din il-banda biex ikun jista' jittella' f'dan il-programm mużikali.

Bħal ma ħafna jafu, ma' tul il-festa tal-Assunta tindaqq l-antifona msejħa *Hodie Maria Virgo*, li f'terzett Latin tfakkar it-tlugħ fis-sema tal-Madonna. Dan l-aħħar sibt ġo arkivju privat f'Malta, kopja ta' din antifona miktuba minn ċertu Mifsud. L-antifona ma tagħtix aktar dettalji bijografiċi dwaru.

Mix-xogħol mużikali nnifsu, jidher li dan Mifsud kien mużiċista tajjeb. Probabli li din kienet saret biex tindaqq fil-Katidral ta' Għawdex. Wieħed ma jeskludix li barra minn Għawdex indaqqet f'xi knisja bħal dik tal-Mosta. Peress li ħafna mill-antifoni huma terzetti bil-Latin f'metrika definita, Mifsud kien ikkompona melodija waħda u din kienet tiġi użatha għal ħafna minn dawn l-antifoni. Jidher li din l-antifona nkitbet l-ewwel bħala *Beata Mater*, li hija antifona ġenerali tal-Madonna (anki jekk f'Malta hija assoċjata illum l-aktar mal-festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar) jew għal festa Tal-Karmnu. Dan għaliex din l-antifona nsibuha wkoll tissejjaħ taħt l-isem ta' *Flos Carmeli*. Mingħajr ma bidel xejn mill-melodija u kompożizzjoni mużikali, Mifsud użaha għall-antifona ta' l-Assunta, *Odie Maria Virgo* (sic), kif ukoll għal *Manum Suam*, *S. Maria Succurre Miseris*, *Conceptio Tua*, *Laudate per gl'Innocenti*, *O Melite Dignia Proles per S. Publio*, *Sancte Michele*, *Fuderunt Saguinem pell'Innocenti* (sic), *Per la Consagrazione* (sic.) *della chiesa*, *Fundator per S. Giorgio* u *Veni Sponsa Christi*. Dan kien ifisser li din il-mużika kienet tintuża fil-festa ta' San Publiju u f'dik tal-Kunċizzjoni (*Conceptio Tua*). Il-fatt li hemm ukoll il-versjoni tagħha għall-festa tas-Sokkors (*S. Maria Succurre Miseris*) wieħed jissuspetta li kien idoqqha Bormla. Hemm ukoll il-versjoni tal-qaddisin nisa (*Manum Suam*) u probabilment li l-aktar li kienet tintuża din l-antifona kienet għal Santa Liena. Insibuha użatha ukoll festi tal-Vergni u Martri, minħabba li insibu il-kliem għal *Veni Sponsa Christi*. F'xi parroċċi, il-festa tal-qtil tat-tfal innoċenti kienet ukoll tkun ċelebrata bil-kbir. Dawn it-tip ta' antifoni kienu magħrufa bħala kerrejja, jiġifieri 'partitura partikolari kienet tintuża għall-aktar minn antifona waħda jew għall-numru ta' antifoni differenti.

Orkestralment, ix-xogħol ta' Mifsud huwa interessanti ħafna. Il-mod ta' kif ikkompona din il-mużika juri l-professjonalità tiegħu, jiġifieri li bħala mużiċista kien tkisser sew fid-daqq tal-vjolin. Bħala xogħol, dan magħmul għall-primi u sekondi vjolin, il-klarino (li kienet il-kelma użata f'dan il-perjodu għat-tromba jew kurunetta), il-flawt, it-trumbun, il-korni, u kuntrabaxx. Huwa ftit stramb kif dan ix-xogħol ma fihx l-'oboe' u l-vjolinċell, anki jekk dan tal-aħħar seta' juża l-partijiet tal-kuntrabaxx u forsi għalhekk dan l-istrument ma ġiex inkluż fil-partitura. Fuq kollox, dan ix-xogħol ma fihx vjola. Il-fatt li l-isem użat għat-tromba hu 'clarino' ġa jagħti indikazzjoni li dan xogħol qadim sew li jmur lejn l-aħħar tas-seklu tmintax u l-ewwel nofs tas-seklu dsatax. Il-fatt li ma fihx oboe jista' juri li huwa aktarx tas-seklu dsatax għaliex dan l-istrument kien reġolarment użat f'kompożizzjoni mużikali tas-seklu tmintax. Kien ma' tul is-seklu dsatax li d-daqq tiegħu daħal fi kriżi u beda jiġi eliminat.

F'punt minnhom jidher li xi ħadd żied ukoll il-parti għall-orgni. Jidher li din iż-żieda saret speċifikament għall-antifona tal-Karmnu, *Flos Carmeli* u min għamilha jidher li kien Patri Karmelitan. Għall-inqas, fil-partitura tal-orgni nsibu li din kienet qiegħed tintuża għall-*Flos Carmeli* u fil-parti t'isfel tagħha nsibu l-isem "F.G.M.Calleja Carmno". Probabilment, dan kien il-persuna li ħareġ din il-partitura. Normalment, din il-partitura tal-orgni kienet inħarġet min-noti tal-kuntrabaxx u qabel saret din il-partitura ta' l-orgni, il-parti tal-orgni kienet tindaqq minn fuq dik tal-kuntrabaxx.

Min-naħa l-oħra, ftit li xejn nafu dwar dan il-kompożitur. Il-partituri mużikali juru biss kunjomu. F'partitura minnhom l-isem użat jagħti wieħed x'jifhem li dan l-individwu kien qassis għaliex jissejjaħ Sac. Mifsud. Jidher li l-mużika tiegħu, għaddiet għand Patri Giuseppe Spiteri Fremond, li għal xi żmien kien ukoll idoqqha. Dan il-fatt juri li dan Mifsud għex qabel jew fi żmien Spiteri Fremond. Jekk għex fi żmienu, kien ikun ħafna drabi nieqes minn Malta. Probabilment, dan Mifsud kien wieħed minn tal-ewwel f'Malta li beda dan il-moviment li llum jikkaratteristika d-daqq fil-festa tal-knisja, jiġifieri jimmużika l-antifona tal-festa, li wieħed jista' jgħid li spiċċat speċi ta' kolonna sonora jew 'signature tune' tal-festa Maltija illum. Li huwa żgur, li kien huwa li mmużika din l-antifona fuq linji operistiċi li jqarrbu lejn Verdi bikri jew il-kitba ta' Donizetti. Wieħed irid jgħid li din il-mużika hija verament tajba u Mifsud kien veru deħen ta' Donizetti għaliex il-mużika ta' din l-antifona verament tilħaq il-livell ta' dan il-kompożitur kbir Taljan. In fatti, meta wieħed jisma' din il-mużika ma jsib fiha kważi xejn sagru, sintendi, jekk bil-

kelma mużika sagru qiegħed jifhem dak li nifhmu llum, jiġifieri ċertu still u tonalità mużikali sobrija.

F'dan il-perjodu, il-kompożituri u d-diretturi tal-mużika, inkluż qassisin u patrijiet, bħal ma kien Giuseppe Spiteri Fremond jew Salvatore Magrin, kellhom kejl differenti ta' dik li kienet mużika sagra u dan il-kejl kien ħafna differenti minn tagħna. Għalihom, il-mużika ta' din l-antifona *Hodie Maria* kienet sagra, anki jekk għalina tista' tinstema' differenti. Għal dawn il-kompożituri tas-seklu tmintax u dsatax, l-aktar importanti kien il-fatt li l-kompożizzjoni kienet waħda tajba u li fil-knejjes kienet qiegħda tindaqq mużika valida. Dawn il-kriterji kienu jisbqu kull kriterju u kejl kritiku ieħor. Dan ma jfissirx li ma kinux jagħtu importanza lis-sagru jew dawru lil knisja f'xi teatrin. Per eżempju, meta wieħed jisma' din l-antifona jsib li l-linji tal-kant huma totalment konservattivi waqt li l-orkestrazzjoni hija progressiva ħafna u kif ġa għidt miktuba fuq l-istil ta' Donizetti. Nara f'dan il-fatt, ċertu sens ta' kompromess li l-kompożitur jrid jilħaq li għamel il-mużika tiegħu denja li tindaqq fil-knisja u speċjalment f'funżjonijiet Marjani.

Mifsud ma kienx l-uniku wieħed li qed jikkomponi antifoni f'dan il-perjodu. Nafu li Francesco Azopardi ikkompona mużika għall-antifoni, fosthom dik ta' San Filippu, *In Sepulcrum*. Warajh, Pietru Pawl Bugeja kompla jikkomponi antifoni u minbarra taż-żewġ knejjes kattidrali, jiġifieri għal San Ġwann, *Ingresso Zaccharia* u għal dak tal-Mdina, San Pawl, insibu wkoll li kkompona l-antifona tal-*Manum Suam* għal Birkirkara (fil-fatt ikkompona aktar minn waħda) u għal ħafna mill-festi tal-patrijiet tal-Belt.

Fil-qasam tal-mużika dan Mifsud jidher li pprova iwassal f'irħula dak li kien qiegħed jiġri fl-ibliet tagħna.. Dan għaliex hu għamel orkestrazzjonijiet oħra għal antifoni oħrajn assoċjati mal-festi tagħna. In fatti, din mhix l-unika orkestrazzjoni li hu għamel ta' antifoni li mbagħad kien juża għall-aktar minn antifona jew innu wieħed. Kellu mill-inqas kompożizzjonijiet oħra fuq l-istess still fosthom l-antifona tal-Lunzjata, *Gabriel Arcangelus, Locutus est Maria*. Biss jidher li f'dan il-perjodu l-kultura kienet differenti. Waqt li llum, kull parroċċa tara li jkollha l-antifona tagħha b'orkestrazzjoni partikolari li wieħed jismagħha biss ma' dik l-antifona partikolari, f'dan il-perjodu ta' tixrid ta' din id-drawwa, jidher li kienu jippreferu li surmast idoqq l-istess orkestrazzjoni f'aktar minn post wieħed. U huwa f'dan il-kuntest li daħal t-terminu ta' antifona 'kerrejja'. Dan jispjega l-fatt għala dawn it-tipi ta' kompożizzjonijiet ikollhom il-parti orkestrali interessanti u armonikament tajba iżda imbagħad ikun daqsxejn batuti f'dik li hija t-taqsima vokali.

Naħseb li Mifsud għandu jitqies bħala wieħed minn dawk li ħadem biex l-antifoni u l-innijiet tal-qaddisin isiru tradizzjoni tal-festi tagħna, Kompożizzjonijiet strumentali għal dawn l-antifoni u innijiet matul is-seklu dsatax għamluhom magħrufa u popolari mal-pubbliku. F'dan il-kuntest, il-ħidma ta' Mifsud u oħrajn bħalu kienet importanti speċjalment għal fatt li użaw il-muzika operistika għalihom li kienet tant popolari f'dik il-ħabta, Il-kompożituri bdew isiru aktar attenti li jorbtu isimhom mal-festi u dan l-aktar li bdew jagħmluh permezz tal-antifoni li kienu jikkomponu. Meta l-antifoni saru popolari, l-iskop ta' antifona kerrejja "inbidel". Issa ma baqgħax bħal dak li jidher li kien għal Mifsud iġifieri li tintuza għal aktar minn antifona waħda għax kulħadd kien ikun irid l-istess melodija. Issa kull festa riedet l-antifona partikulari tagħha, Għalhekk sakemm surmast jew kompożitur kien jistabbilixxi ruħu f'parrocca, kien ħafna drabi juża waħda "kerrejja" iġifieri jaddatta l-kliem għal xi melodija li kien ikun ga kkompona aktar qabel għal xi antifona oħra speċjalment meta ma kienx ikun ċert jekk il-kappillan kienx se jibqa jtih il-mużika tal-festa kull sena jew le.

Min-naħa l-oħra, l-identità ta' Mifsud għadha mhix magħrufa sew u ismu ma jiffigurax fl-istorja tal-mużika Maltija. Jeżisti kompożitur li jġib l-isem ta' Vincenzo Mifsud. Kompożizzjoni ta' dan is-surmast ġiet murija lili mill-Professur Joseph Vella. Din kienet kompożizzjoni għall-knisja. Kompożizzjonijiet oħra ta' Mifsud jinsabu fil-Wignacourt Museum ir-Rabat u anki fl-arkivju tal-Kattidral ta' l-Imdina, Biss ħafna mill-mużika tiegħu hi mitlufa. Min-naħa l-oħra, il-kompożizzjonijiet użati f'dan l-istudju ġejjin mill-arkivju mużikali tal-Agostinjani. Hawnhekk, ebda kompożizzjoni ma għandha l-firma tal-isem tal-kompożitur. Anzi kollha kemm huma, jagħtu biss il-kunjom ta' dan il-kompożitur. Biss dawn il-kompożizzjonijiet jagħtu dettal biografiku importanti. Dan Mifsud, li tiegħu hemm il-mużika għand l-Agostinjani, jidher li huwa l-istess Vincenzo Mifsud li tiegħu għandu xogħol mużikali l-professur Vella. Dan minħabba li l-istil ta' din il-mużika hu dak tal-bidu tas-seklu dsatax.

Fil-lista tiegħu ta' kompożituri u mużiċisti Maltin, li Pietru Pawl Castagna ppubblika fil-ktieb *Lis Storia ta' Malta Bil Gżejjer Tagħha,* ma jagħti ebda kompożitur b'dan il-kunjom. L-istess jista' jingħad għal-lista ta' mużiċisti li kkomponew għall-knejjes jew li ħadmu fit-teatri tagħna, fil-Manoel u fl-Irjal, mogħtija minn Giovanni Faure. Dan ifisser li Pietru Pawl Castagna u Faure ma kinux semgħu b'ebda mużiċista li kien iġib dan l-isem. Il-fatt li dan il-kompożitur ħarab l-attenzjoni ta' Castagna (u anki dik ta' Faure li kkoppja minn Castagna) jista'

qed jindika li dan il-kompożitur ma kienx attiv wisq f'Malta u għalhekk ma tantx kien magħruf fil-gżira?

Minn xogħol li għamel Joseph Grech dwar il-mużika fil-Kattidral ta' Għawdex, bħala parti mill-'masters' tiegħu fl-Università ta' Malta, ħarġet l-eżistenza ta' mużika ta' Vincenzo Mifsud ġewwa din il-gżira. Taħt it-titlu ta' *19th-century Music at the Gozo Cathedral a Historical and Catalogue of the Music Manuscript*, Grech analizza l-kompożizzjonijiet mużikali li hemm fl-arkivju tal-kattidral ta' Għawdex. Grech sab ħafna xogħlijiet ta' Mifsud f'dan l-arkivju. Ma hemmx dubbju li l-preżenza ta' din il-mużika f'dan l-arkivju tikkonferma l-fatt li l-mużika ta' Mifsud kienet tindaqq f'dan il-post. In fatti, il-maġġoranza ta' din il-mużika hija sagra. Dan il-fatt jista' jispjega għaliex l-isem ta' Mifsud ma jinsabx mal-kurrenti ta' mużiċisti Maltin mogħtija minn Castagna u Faure, għaliex jista' jkun li l-ikbar attività mużikali tiegħu kienet fil-knisja ta' l-Assunta u eventwalment il-kattidral ta' Għawdex. F'dan il-kuntest, wieħed ma jeskludix li din l-antifona kinet tindaqq f'din il-knisja Għawdxija. Hawn wieħed irid iżid ukoll li kienet tindaqq f'Malta minħabba l-fatt li kienet parti mill-mużika użat minn Spiteri Fremond.

Mhux l-istess jista' jingħad għad-Dizzjunarju Bio-bibliografiku ta' Robbie Mifsud Bonnici. Mifsud Bonnici jagħti informazzjoni dwar il-personalità ta' Vincenzo Mifsud. In fatti, ismu komplet kien Napoleone Vincenzo Mifsud imwieled fl-1807. L-aktar li baqa' magħruf kien għan-numru ta' opri li kiteb u li wħud minnhom saħansitra kienu esegwiti f'teatri barra minn Malta, fosthom dawk ta' Ruma u Civitavecchia.(Robbie Mifsud Bonnici p. 348) Jidher ukoll li opra minn tiegħu ittellgħet f'Ateni fil-Greċja. Minn kif inhuma miktuba dawn l-antifoni, jiġifieri l-abilità ta' l-orkestrazzjoni fuq linji teatrali moderni taljani jista' jagħti aktar indikazzjoni preċiża li dawn ix-xogħlijiet huma ta' Vincenzo Mifsud. Ma hemmx dubbju li Mifsud kien jaf iħaddem dan l-operat speċjalment minħabba li l-aktar li baqa' magħruf kien għax-xogħlijiet operistiċi tiegħu.

Għalhekk huwa ta' pjaċir għalija li nara lis-Soċjeta' La Stella Levantina ta' Ħ'Attard taħdem biex terġa' tqajjem mużika qadima Maltija, b'mod partikolari dik li għandha konnessjoni mal-Assunta u terġa' tagħtiha l-ħajja mill-ġdid. Huwa xieraq ukoll li f'dan il-kunċert, din l-antifona tindaqq fil-versjoni ta' *Hodie Maria*, li hija l-patruna ta' Ħ'Attard.

